# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020**

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 1061/10JRM**

Mario **GALEA** u martu Ġuża għall-interess li jista' jkollha

vs

**ID-DIRETTUR, MANAGEMENT AND PERSONNEL OFFICE, FL-UFFIĊĊJU TAL-PRIM' MINISTRU**; Iċ-*Chairman,* Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku; Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Affarijiet Barranin; u l-Avukat Ġenerali tar-Repubbblika, illum imsejjaħ l-Avukat tal-Istat

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-20 ta' Ottubru, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-atturi talbu li l-Qorti (1) ssib li l-aġir tal-imħarrkin, jew min minnhom, li jtemmu l-ħatra tal-attur bħala uffiċjal tas-sigurtà ("*security officer*") mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin huwa wieħed essenzjalment inġust, mhux raġonevoli, u jmur kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali. (2) issib li t-tneħħija tiegħu mill-grad ta' "*Security Officer*" hija nulla

u bla effett. (3) tordna lill-imħarrkin jerġgħu jagħtuh il-ħatra li minnha tneħħa b'seħħ mit-22 ta' April, 2010, id-data ta' meta tneħħietlu. u (4) tagħti dawk l-ordnijiet l-oħra li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Ottubru, 2010[1] li bih appuntat il-kawża għas-smigħ, ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek *Chairman* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-24 ta' Novembru, 2010, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li, skond l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni mhijiex sindakabbli minn qorti fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha. Żied jgħid li l-ħatra tal-attur tħassret għaliex kienet ingħatat bi żball provokat mill-attur innifsu meta ressaq it-talba tiegħu u kien jaf li ma kellux il-grad sostantiv ta' uffiċjal tas-sigurtà. Temm jgħid li l-Kummissjoni ma wettqet l-ebda ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, għaliex kulma ġara kien li "sitwazzjoni żbaljata ġiet raddrizzata biex tiġi konformi mal-liġi";

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin Direttur Ġenerali, Segretarju Permanenti u Avukat Ġenerali fil-25 ta' Novembru, 2010, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-Avukat Ġenerali ma messux tħarrek f'din il-kawża għaliex mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi, u għalhekk imissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża bi spejjeż għall-atturi; li safejn l-azzjoni attriċi hija maħsuba biex tara jekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew l-uffiċjali pubbliċi delegat minnha wettqux sewwa x-xogħol tagħhom, din il-Qorti ma tistax tistħarriġhom minħabba dak li jgħidu l-artikoli 110 u 115 tal-Kostituzzjoni. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talbiet attriċi mhumiex mistħoqqa għaliex kien hemm raġunijiet tajba għaliex il-ħatra tal-attur intemmet meta ħareġ li ma kienx iħaddan il-grad meħtieġ biex seta' ressaq it-talba tiegħu biex jinħatar u għalhekk ma setax japplika għal dak il-grad ;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Jannar, 2011[2] li bih ordnat li, qabel kull ħaġ'oħra, ssir it-trattazzjoni fuq l-ewwel eċċezjoni preliminari tal-Kummissjoni mħarrka u fuq t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin ntimati l-ohrajn;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Frar, 2011[3], li bih ordnat li l-kawża titkompla għas-smiegħ tal-provi ta' l-atturi wara li semgħet u qieset is-sottomissjonijiet dettaljati li saru mill-Avukati difensuri tal-partijiet;

---

[1] Paġ 20 u 21 tal-proċess
[2] Paġ 31 tal-proċess
[3] Paġ 55 tal-proċess

Rat it-Talba imressqa minn uħud mill-intimati fid-9 ta' Settembru, 2011[4] u d-digriet tagħha tal-15 ta' Settembru, 2011 li bih ħatret lill-Av. Dr. Maria Dolores Gauci sabiex tisma' xhud li ġiet minn barra;

Rat in-nota imressqa mill-atturi fl-10 ta' Mejju, 2012[5] u d-dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-nota imressqa mill-atturi fl-4 ta' Ġunju, 2012[6] u d-dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-nota imressqa mix-xhud Rosette Spiteri Cachia fis-26 ta' Diċembru, 2012[7] u d-dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Jannar, 2013[8], li bih ordnat lill-partijiet sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub wara li rat l-Artikolu 165 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fit-30 ta' April, 2013[9];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa minn uħud mill-imħarrkin fis-26 ta' Ġunju, 2013[10], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-Kummissjoni mħarrka fit-28 ta' Ġunju, 2013[11], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-atturi jilmentaw mill-mod kif tħassret il-ħatra li l-attur kien ingħata bħala uffiċjal tas-sigurtà fil-Ministeru mħarrek. Jixlu lill-imħarrkin b'imġiba mhux xierqa billi jgħidu li ma ġiex konsultat u ma ngħatax id-dritt li jgħid il-fehma tiegħu qabel ma ttieħdet

---

[4] Paġ 76 u 77 tal-proċess
[5] Paġ 131 sa 136 tal-proċess
[6] Paġ 140 sa 148 tal-proċess
[7] Paġ 203 sa 206 tal-proċess
[8] Paġ 207 u 208 tal-proċess
[9] Paġ 211 sa 219 tal-proċess
[10] Paġ 221 sa 230 tal-proċess
[11] Paġ 231 sa 235 tal-proċess

id-deċiżjoni li l-kuntratt ta' ngaġġ tiegħu jitħassar. Jgħidu wkoll li t-tħassir tal-ħatra sa biex tinqeda terza persuna li ssieħbet fl-istess Ministeru wara li ngħata l-ħatra;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu b'eċċezzjonijiet preliminari w ukoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu. Preliminarjament, jgħidu li l-Qorti ma tistax tistħarreġ aġir tal-Kummissjoni mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Kummissjoni") minħabba dak li jgħid l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni. L-Avukat Ġenerali jgħid wkoll li hu tħarrek għal xejn u mhux il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi billi ma kien imdaħħal bl-ebda mod u la fil-proċess tal-ħatra u lanqas fil-proċess tat-tneħħija tal-attur mill-ħatra. Fil-mertu, jilqgħu billi jgħidu li l-qagħda tal-attur u d-deċiżjoni li ttieħdet kienet frott ta' żball li qam minn tagħrif li ta l-attur innifsu u li, meta ħarġu l-fatti iċċarati, l-iżball ġie ratifikat. Jiċħdu li kien hemm fehma moħbija wara t-tħassir tal-ħatra tiegħu, u jiċħdu wkoll li dan sar biex jinqeda ħaddieħor li daħal jaħdem fl-istess taqsima fil-Ministeru;

Illi bħala <u>fatti relevanti</u> li joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li fil-25 ta' Ġunju, 2008[12], il-Management & Personnel Office, fl-Uffiċju tal-Prim Ministru (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-MPO"), ħareġ sejħa għall-mili ta' postijiet ta' uffiċjali tas-sigurtà fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Ministeru")(MPO73/2008). L-attur kien fost dawk li tħajru u ressqu applikazzzjoni[13]. Dak iż-żmien, l-attur kien jaħdem mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma wkoll bħala uffiċjal tas-sigurtà;

Illi l-proċess tal-għażla tmexxa minn Bord maħtur (delegat) mill-Kummissjoni[14]

Illi b'ittra tat-18 ta' Awwissu, 2008[15], il-Ministeru għarrfu li l-applikazzjoni tiegħu kienet tilħaq il-kriterji mitluba fis-sejħa, u għaldaqstant ingħata jum u ħin li fih kellu jidher għal intervista quddiem il-Bord tal-Għażla (minn issa msejjaħ "il-Bord"). Huwa kkwalifa fis-sitt post[16];

Illi jirriżulta li l-Ministeru rċieva struzzjonjiet mill-Public Administration Human Resources Office (minn issa 'l hemm imsejħa "PAHRO") biex il-ħatra tingħata lill-kandidati li mlew l-ewwel tliet postijiet fil-gradwatorja tal-għażla li għaddew mill-intervista, skond l-ordni tal-mertu. L-ewwel kandidat beda jaħdem mal-Ministeru minnufih, filwaqt li t-tieni (min issa msejjaħ "Schembri") u t-tielet kandidat irrifjutaw l-istedina billi kellhom

---

[12] Dok. "RSC1b" f'paġġ. 173 sa 175 tal-proċess
[13] Dok. "A" f'paġ. 6 tal-proċess . Ara wkoll paġ. 148 tal-proċess
[14] Xhieda ta' David Bonello f'paġ. 108 tal-proċess
[15] Dok. "B" f'paġ. 7 tal-proċess
[16] Dokti. "RSC2" u "RSC9" f'paġġ. 176 u 191 tal-proċess

impjieg ieħor band'oħra mal-Gvern dak iż-żmien. Dan wassal biex l-attur issejjaħ biex jieħu l-kariga. B'ittra tad-19 ta' Settembru, 2009[17], il-Ministru għarrfu bil-ħatra u li kien se jingħatalu kuntratt b'seħħ mis-16 ta' Settembru, 2009, b'sena prova. Din il-ħatra kienet konfermata b'ittra tat-30 ta' Settembru, 2009[18] mill-Ministeru. L-attur kien imħarreġ f'dan il-qasam[19], u kien laħaq ħadem bħala uffiċjal tas-sigurtà mal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma[20] (minn issa msejħa "il-Korporazzjoni"). Minkejja li mal-Korporazzjoni kien jaħdem bħala '*security officer*', il-grad sostantiv tiegħu mal-Gvern kien ta' "*Senior Tradesman*"[21];

Illi n-numru ta' uffiċjali tas-siġurtà fil-Ministeru bejn Settembru 2009 u Mejju 2010, kien ta' sebgħa (7)[22]. F'Ottubru tal-2009, Schembri talab li jibda jirrapporta għax-xogħol mal-Ministeru[23]. Hu beda jaħdem bħala tali għall-ewwel bħala "*reliever*" għall-uffiċjali l-oħra meta jkunu morda jew bil-frank, imbgħad skond l-iskeda kif kienet tiġi mfassla bejniethom u bejn l-uffiċjali li kellhom il-kariga ta' messaġġiera[24];

Illi ftit wara li Schembri beda jaħdem fil-Ministeru, l-attur beda jisma' li seta' kien hemm xi problema bil-ħatra tiegħu, iżda ħadd fil-Ministeru ma kellmu dwar dan[25]. Sadattant, fl-4 ta' Frar, 2010[26], l-MPO għarraf lis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (minn issa 'l hemm imsejħa "is-Segretarju Permanenti"), li fiż-żmien li saret is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-attur ma kellux il-grad ta' uffiċjal tas-sigurtà, iżda l-grad sostantiv ta' *Senior Tradesman* u għaldaqstant l-applikazzjoni tiegħu ma messhiex intlaqgħet;

Illi fit-13 ta' Frar, 2010[27], l-attur qabbad avukat biex jikteb lis-Segretarju Permanenti u jitlob spjegazzjoni dwar dak li kien sama', iżda baqa' bla tweġiba[28];

Illi min-naħa tagħha, minn korrispondenza li ġġib id-data tal-15 ta' Marzu, 2010[29] bejn is-Segretarju Permanenti u l-Kummissjoni, jirriżulta li s-Segretarju Permanenti talbet rapport dwar din is-sejħa mingħand iċ-Chairperson tal-Bord, u kopja ta' l-istess intbagħtet lill-Kummissjoni. Minn stħarriġ li sar miċ-*Chairperson* tal-Bord tal-Korporazzjoni, jirriżulta li Galea kien misluf

[17] Dok "Ċ", f'paġ. 8 tal-proċess
[18] Dok. "F" f'paġ. 49 tal-proċess
[19] Dokti. "J" u "L" f'paġġ. 17 u 18 tal-proċess
[20] Dok. "G" f'paġ. 13 tal-proċess
[21] Dok. "I" f'paġ. 16 tal-proċess
[22] Dok. "MCA" f'paġ. 100A tal-proċess
[23] Ara l-affidavit ta' Emanuel Schembri f'paġ. 185 tal-proċess
[24] Ara x-xhieda ta' Simon Darmanin f'paġ. 120 tal-proċes
[25] Ara x-xhieda ta' Mario Ċiantar u ta' Rosette Spiteri Cachia f'paġġ. 71 u 197 tal-proċess
[26] Dok. "RSC3" f'paġ. 177 tal-proċess
[27] Dok "D", f'paġġ. 9 – 10 tal-proċess
[28] Ara x-xhieda ta' Cecilia Galea Pirotta f'paġġ. 88 sa 89 tal-proċess
[29] Dok. "RSC4" f'paġ. 178 tal-proċess

(“*detailed*”) mal-Korporazzjoni u kien inħatar magħha bħala uffiċjal tas-sigurtà fl-1997[30];

Illi fis-27 ta’ April, 2010[31], l-MPO bagħat jgħarraf lis-Segretarju Permanenti li l-ħatra tal-attur ma kinitx tiswa u kellha titħassar u, minfloku, tissejjaħ il-persuna li kienet ġiet is-sitta wara l-intervista tal-għażla mill-Bord (minn issa msejjaħ “Xerri”). Jirriżulta li Xerri wkoll ma setax jinħatar għaliex kellu l-istess grad sostantiv bħall-attur[32];

Illi b’ittra (bla ma ġġib data imma li l-attur waslitlu d-dar bil-posta reġistrata fit-3 ta’ Mejju)[33], wara dik tas-27 ta’ April, 2010[34], is-Segretarju Permanenti bagħtet tgħarraf lill-atturi bir-rakkomandazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni biex il-ħatra tiegħu tiġi mħassra b’seħħ mit-22 ta’ April. Huwa ntalab jirrapporta lura għax-xogħol il-Korporazzjoni mill-għada. Il-Korporazzjoni ġiet mgħarrfa b’din id-deċiżjoni fl-4 ta’ Mejju, 2010[35]. L-attur irrapporta lura għax-xogħol mal-Korporazzjoni fl-14 ta’ Lulju, 2010[36];

Illi F’Mejju, 2010[37], l-attur formalment bagħat ittra uffiċjali lill-imħarrkin biex jitlobhom idaħħluh lura għax-xogħol fil-grad ta’ Uffiċjal tas-Sigurtà fil-Ministeru;

Illi fl-20 ta’ Ottubru, 2010, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta’ natura legali li jolqtu l-każ, jeħtieġ li l-Qorti tqis l-eċċezzjonijiet preliminari qabel ma tidħol f’eżami tal-mertu tal-azzjoni attriċi;

Illi l-Qorti sejra tqis **l-ewwel l-eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat**, li biha jgħid li mhuwiex il-kontradittur leġittimu f’din il-kawża u ma messux tħarrek. Huwa jgħid li postu mhuwiex f’kawża bħal din, aktar u aktar meta huwa ma kellu ebda relazzjoni ta’ impjieg mal-attur. Huwa jirrileva li fl-ebda parti tar-Rikors Maħluf ma jiddaħħal fil-ġrajja li minnhom jilmentaw l-atturi. Huwa jsemmi wkoll id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181B(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta bħala raġuni oħra għaliex il-ġudizzju huwa sħiħ bl-imħarrkin l-oħrajn fil-kawża[38];

---

[30] Dok. “RSC10” f’paġ. 205 tal-proċess
[31] Dok. “RSC5” f’paġ. 179 tal-proċess
[32] Dok. “RSC11” f’paġ. 206 tal-proċess
[33] Ara l-affidavit tal-attriċi Dok “JGA”, f’paġ. 60 tal-proċess
[34] Dok. “E” f’paġ. 11 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta’ Cecilia Galea Pirotta f’paġġ. 85 sa 86 tal-proċess
[35] Dok. “RSC7” f’paġ. 182 tal-proċess
[36] Ara affidavit ta’ Antonio Żammit f’paġ. 184 tal-proċess
[37] Dok. “Ħ” f’paġġ. 14 u 15 tal-proċess
[38] Ara Nota ta’ Sottomissjonijiet tal-imħarrkin f’paġġ. 224 sa 225 tal-proċess

Illi, min-naħa tagħhom, l-atturi ma qajmu ebda sottomissjoni kontra din l-eċċezzjoni;

Illi l-Qorti tqis li l-eċċezzjoni hija tajba u li l-imħarrek Avukat tal-Istat tħarrek għalxejn. L-ebda waħda mill-erba' talbiet attriċi ma titlob l-għoti ta' rimedju li għalih irid joqgħod l-istess Avukat tal-Istat, biex ma jingħadx ukoll li l-ebda waħda mill-premessi tar-rikors promotur ma titfa' mqar l-iċken ħjiel ta' rabta tal-istess Avukat tal-Istat maċ-ċirkostanzi li wasslu lill-atturi jiftħu din il-kawża. Min-naħa l-oħra, l-Qorti tqis ukoll li l-attur ma ta l-ebda raġuni għalfejn għażel li jqiegħed lill-imħarrek Avukat tal-Istat fost dawk l-imħarrkin li jridu jwieġbu għad-deċiżjoni amministrattiva li jrid li din il-Qorti tistħarreġ. Il-fatt li l-artikolu 181B(3) tal-imsemmi Kodiċi jitlob li att ġudizzjarju maħruġ kontra l-Gvern irid ikun notifikat ukoll lill-Avukat tal-Istat ma jġibx b'daqshekk l-effett li l-istess Avukat irid jitħarrek f'kawża. Biex parti tista' titqies bħala kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet attriċi, irid jintwera minn tal-anqas li jkun hemm rapport ġuridiku li jnissel u jsejjes dik il-leġittimazzjoni passiva[39]. F'dan il-każ, ma hemm l-ebda rapport ġuridiku bejn l-atturi u l-imsemmi mħarrek;

Illi għalhekk, il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u sejra teħilsu milli jibqa' fil-kawża għaliex tonqos fih il-leġittimazzjoni passiva biex iwieġeb għat-talbiet attriċi;

Illi l-Qorti se tqis flimkien **l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissjoni mħarrka u t-tieni eċċezzjoni tal-imħarrkin l-oħra** għaliex jgħidu bejn wieħed u ieħor l-istess ħaġa. B'dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet l-imħarrkin iridu li din il-Qorti żżomm lura milli tistħarreġ il-mod kif il-Kummissjoni mħarrka mxiet f'dan il-każ. L-imħarrkin jibbażaw id-difiża tagħhom fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 110 u 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ta' l-ewwel jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Prim Ministru dwar il-ħatra u t-tneħħija ta' uffiċjali pubbliċi u t-twettiq ta' kontroll dixxiplinari fuqhom[40]. Tat-tieni jgħid li l-kwistjoni jekk il-Kummissjoni qdietx sewwa xi funzjoni mogħtija lilha bil-Kostituzzjoni ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda qorti. L-unika eċċezzjoni hija fir-rigward ta' allegat ksur tal-istess Kostituzzjoni fejn jidħlu d-drittiijiet fundamentali tal-bniedem. L-imħarrkin jgħidu li ladarba l-kwestjoni f'din il-kawża torbot ma' eliġibilità jew in-nuqqas tagħha għal ħatra fi ħdan is-servizz pubbliku, dan ma jaqax taħt l-eċċezzjoni fuq imsmemija, u għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tistħarreġ l-aġir tal-Kummissjoni[41];

---

[39] App. Inf. PS **9.4.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Focal Maritime Services Co Ltd vs Top Hat Co Ltd***
[40] Art. 110(1) tal-Kost.
[41] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin f'paġġ. 225 u 226 tal-proċess u f'paġġ. 233 sa 234 tal-proċess

Illi l-atturi jwarrbu din il-linja ta' difiża billi jgħidu li l-Kummissjoni mhix 'il fuq mil-liġi, u li ħaddiem mal-Gvern m'għandux jiġi ttrattat b'mod abbużiv jew arbitriju bħalma kien ittrattat hu fil-każ tiegħu[42];

Illi biex il-Qorti tqis is-siwi ta' dawn l-eċċezzjonijiet ikollha żżomm quddiem għajnejha kemm l-għamla ta' azzjoni li għandha quddiemha u kif ukoll il-kawżali li jsejsuha. Fid-dawl tan-natura partikolari tal-azzjoni li l-atturi għażlu li jressqu quddiem din il-Qorti, huwa stabilit li xogħolha hu li twettaq funzjonijiet limitati maħsuba biex tara li l-għemil amministrattiv ikun twettaq skond il-liġi, b'użu xieraq tas-setgħat mogħtijin lill-awtorità li tkun mill-istess liġi, u b'mod li ma jkunx hemm u la ksur tal-jeddijiet imħarsin mill-ġustizzja naturali u lanqas twettiq abbużiv tal-istess setgħat. Bħala tali, f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju – kemm jekk hija waħda mibdija taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u kif ukoll waħda taħt il-liġi ġenerali – xogħol il-Qorti huwa dak ta' "kassazzjoni" tal-għemil li minnu jitressaq l-ilment quddiemha: il-Qorti ma tiħux fuqha b'rimedju t-teħid jew it-twettiq tal-għemil amministrattiv, liema għemil huwa setgħa li l-liġi tagħti biss lill-awtorità pubblika li tkun;

Illi dan ir-rwol tal-Qorti ilu żmien mifhum u aċċettat u dan joħroġ min-natura nnifisha tal-azzjoni ta' stħarriġ tal-għemil amministrattiv. Għaldaqstant, meta l-Qorti tintalab tistħarreġ għemil amministrativ għandha tqis is-siwi ta' għemil bħal dak skond il-kejl tal-liġi u tal-prinċipji li jgħoddu għall-każ (u, jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa, li tħassar dak l-għemil jew issibu ma jiswiex) mingħajr ma hija stess tieħu d-deċiżjoni minflok l-awtorità kompetenti li lilha l-liġi tkun tat dik is-setgħa. Hu mħolli għal dik l-awtorità li twettaq, bid-diskrezzjoni xierqa, l-għemil u li tieħu d-deċiżjonijiet li jitnisslu minn eżerċizzju bħal dak. It-tħassir ta' deċiżjoni min-naħa tal-Qorti jġib biss li l-istess Qorti tarġa' tgħaddi l-każ għas-smigħ lil dik l-awtorità għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-każ[43]. Jista' jkun li l-Qorti tindika lill-awtorità pubblika li tkun li meta tqis mill-ġdid il-każ, il-konsiderazzjonijiet ikunu fuq il-linji suġġeriti fis-sentenza li fiha l-għemil amministrattiv ikun ġie mistħarreġ;

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet jgħoddu wkoll b'mod iżjed partikolari f'dan il-każ fejn l-istħarriġ qiegħed jintalab li jsir fir-rigward tal-Kummissjoni li, kif inhu stabilit fil-Kostituzzjoni ta' Malta, mhijiex suġġetta għall-eżami minn ebda qorti fuq kwestjoni dwar jekk qdietx kif imiss xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skond l-istess Kostituzzjoni[44]. Xieraq jingħad, iżda, li l-istess Kummissjoni mhijiex għal kollox meħlusa mill-istħarriġ ġudizzjarju f'ċerti każijiet, kemm jekk l-ilmenti allegati jkunu jikkonsistu fi

[42] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi f'paġ. 215 tal-proċess
[43] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika et***
[44] Art. 115(a) tal-Kostituzzjoni

ksur ta' xi jedd fundamentali tal-bniedem[45], u kif ukoll "fuq livell amministrattiv" ta' stħarriġ ġudizzjarju fiċ-ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 469A(1)(b)[46]. Fis-sewwa, il-Kummissjoni tistqarr dan kollu wkoll fis-sottomissjonijiet tagħha tal-għeluq;

Illi f'kawża ta' stħarriġ ġudizzjaru bħalma hija l-kawża li l-Qorti għandha quddiemha, l-ilment sindakabbli jikkonsisti fl-allegazzjoni li l-aġir tal-Kummissjoni huwa milqut minn nuqqasijiet li jivvizzjawh. B'mod partikolari, l-atturi jisħqu li ma tħarsux il-prinċipji ta' ħaqq naturali u li d-deċiżjoni li jitħassar il-kuntratt tal-ingaġġ tiegħu kienet imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Jekk minħabba dawk in-nuqqasijiet tintlaqat il-pożizzjoni tal-attur bħala impjegat mas-servizz pubbliku, l-imġiba tal-Kummissjoni fil-konfront ta' l-attur tibqa' xorta waħda l-element ewlieni tal-istħarriġ. Il-Qorti ma tkunx b'daqshekk biss qiegħda tieħu fuqha t-tmexxija tal-proċess innifsu jew is-setgħa li twettaq jew ma twettaqx hi stess id-deċiżjoni jekk l-attur jibqax fl-impjieg jew le;

Illi mbagħad jekk mill-provi mressqa joħroġ li tabilħaqq li l-proċess li addottat il-Kummissjoni kien fih nuqqasijiet li l-liġi ma taċċettahomx, il-proċess kollu jista' jitħassar, u dak hu rimedju li l-Qorti tista' tagħti;

Illi għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib mhux tajba ż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari safejn iridu li din il-Qorti żżomm lura milli twettaq is-setgħat tagħha ta' stħarriġ, u għalhekk sejra tiċħadhom;

Illi għal dak li jirrigwarda **t-talbiet attriċi fil-mertu u l-eċċezzjonijiet dwarhom** f'dan il-każ, l-atturi jixlu lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, li fuq talba li tressqet mis-Segretarju Parlamentari, il-Kummissjoni mingħajr ma għarfet lill-attur b'li kienet ser tagħmel jew saħansittra tagħtu l-opportunita jersaq quddiemha jew iressaq ir-raġunijiet tiegħu, iddeċediet weħedha li l-applikazzjoni ta' l-attur għal kariga ta' Uffiċjal ta' Sigurta mal-Ministeru mħarrek ma kenitx tenibbli u li l-ħatra tiegħu kellha titħassar. Hawnhekk, il-qofol tal-azzjoni attriċi jibqa' dak li l-Qorti ssib jekk huwiex minnu jew le li l-aġir tal-Kummissjoni kien milqut bin-nuqqasijiet allegati;

Illi l-atturi jibnu l-azzjoni tagħhom fuq dak li tgħid il-liġi fl-artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jidher li, mill-mod kif żvolġa l-każ u mill-għamla ta' provi li tressqu, l-atturi jsejsu l-każ tagħhom fuq id-dispożizzjonijiet tas-sub-inċiżi (ii), (iii) u (iv) tal-imsemmi sub-artikolu;

---

[45] Ara, b'eżempju, Kost. **21.1.1985** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et*** (Kollez. Vol: LXIX.i.1)

[46] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **27.6.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Mattocks vs Dr. Anthony Gruppetta noe et.***; App. Ċiv. **6.9.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Il-Prim Ministru et***; Kost. **17.9.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Grace Sacco vs Onor. Prim Ministru et***

Illi l-imsemmija dispożizzjonijiet jitkellmu dwar għemil amministrattiv li fih l-awtorità pubblika tkun naqset milli tħares il-prinċipji ta' ħaqq naturali hi u twettqu, jew xi ħtiġijiet mandatorji, hi u twettaq dak l-għemil jew matul il-proċess li fih dik l-awtorità tkun għadha qiegħda tqis kif se twettaq l-għemil innifsu. Jitkellmu wkoll dwar abbuż tas-setgħa min-naħa tal-awtorità pubblika billi l-għemil jitwettaq għal għanijiet mhux xierqa jew fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti jew li, b'xi mod ieħor, l-għemil isir bi ksur tal-liġi;

Illi l-atturi jorbtu l-imsemmija ilmenti tagħhom mal-fatt li l-attur ma ngħatax smigħ kif imiss meta nqalgħu dubji dwar is-siwi tal-applikazzjoni tiegħu, u għalqastant kien hemm ksur ta' wieħed mill-prinċipji ta' ħaqq naturali. Jgħidu wkoll li l-imħarrkin, jew min minnhom, kellhom interess ineħħu lill-attur mill-kariga li kellu mal-Ministeru sabiex jagħmel wisa' għal ħaddieħor, u li dan l-aġir jissarraf f'abbuż ta' setgħa billi l-għemil twettaq għal għanijiet mhux xierqa;

Illi l-Kummissjoni għandha setgħat wesgħin f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħatriet jew it-temm tagħhom fis-settur pubbliku. Illi "*fejn il-Kummissjoni ssib li hemm ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti*[47]*, jew xi direttivi u linji-gwida applikabbli, jew fejn il-Kummissjoni ssib li proċess tal-għażla ma sarx skont il-prinċipju tal-mertu, tista' tieħu tali azzjoni kif jidhrilha li hu xieraq bħala rimedju, inkluż: (i) is-sospensjoni jew terminazzjoni ta' proċess tal-għażla; (ii) l-ikkanċellar ta' sejħa għall-applikazzjonijiet, u l-pubblikazzjoni sussegwenti ta' sejħa riveduta b'dawk l-emendi li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi; (iii) l-annullament ta' riżultat tal-għażla; (iv) il-ħruġ ta' rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru għar-revoka ta' ħatra, suġġett għar-regolament 23(2); u (v) il-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet lill-Prim Ministru jew lil awtoritajiet oħra kif xieraq, biex jittieħdu passi dixxiplinari jew kriminali kif jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi*[48]";

Illi l-Qorti tqis siewi wkoll li tirreferi għal regolament ieħor li jipprovdi dwar it-tħassir ta' ħatra magħmula taħt l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, minkejja kull regolament ieħor, f'ċerti każijiet, fosthom fejn il-ħatra "*manifestament ma kenitx konformi mal-prinċipju tal-mertu*"[49];

Illi minn qari ta' dawn ir-Regolamenti, il-Qorti tasal għall-fehma li l-Kummissjoni għandha diskrezzjoni jekk tagħżilx li tieħu xi waħda mill-miżuri msemmija fir-Regolamenti jew f'liema grad. Joħroġ ukoll li dik id-diskrezzjoni u l-parametri jew ċirkostanzi maħsuba biex fil-qafas tagħhom il-Kummissjoni tista' twettaq dik id-diskrezzjoni huma l-frott ta' liġi. Il-ħruġ ta'

[47] Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, A.L. 32 tal-1960 (kif emendat)(L.S. Kost. 01)
[48] Reg. 17(e) tal-A.L. 32 tal-1960
[49] Reg. 23(2)(a) tal-A.L. 32/1960

rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru għar-revoka ta' ħatra, hija waħda mill-mezzi li l-Kummissjoni għandha f'idejha li tista' tenforza, u dan jekk tirriżultalha xi waħda minn għadd ta' ċirkostanzi maħsuba fl-istess regolament, fosthom li proċess tal-għażla ma sarx skont il-prinċipju tal-mertu;

Illi dawn il-fehmiet tal-Qorti jindirizzaw xi wħud mill-argumenti tal-atturi u wkoll il-premessi li fuqhom isejsu t-talbiet tagħhom. Iservu wkoll biex il-Qorti tkun tista' tqis jekk, mill-mod kif l-imħarrkin imxew f'dan il-każ, jistax tabilħaqq jingħad li sar ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi mal-medda taż-żmien, issawru regoli li jħarsu l-imsemmija setgħat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istħarriġ tagħhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorità li hija mogħnija b'diskrezzjoni tista' tiġi ordnata teżerċitaha f'każ li tkun naqset li tagħmel dan, imma ma tistax tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari. Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik l-awtorità tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan għamlitu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma poġġiet lilha nnifisha f'qagħda fejn ma setgħetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni[50]. Siewi wkoll li jiġi aċċertat jekk l-awtorità mistħarrġa għamlitx dak li kienet espressament miżmuma milli tagħmel, jew jekk għamlitx xi ħaġa li ma kinitx awtorizzata tagħmel. Fuq kollox, l-awtorità mistħarrġa trid tkun imxiet *bona fide* u qieset il-kunsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Dawn huma, fil-qosor, il-ġabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni u ta' eċċess jew abbuż ta' dak l-eżerċizzju;

Illi mill-provi mressqa ħareġ li sabiex l-attur seta' japplika għal posizzjoni ta' *Security Guard* mal-Ministeru mħarrek, kien meħtieġ li jżomm "*a substantive grade of Security Guard in the Malta Public Service*..". Mill-ewwel daqqa t'għajn, mid-dokumenti[51] li l-attur ressaq mal-applikazzjoni, lill-Bord tal-Għażla irriżultalu li l-attur kien eliġibbli u li kellu tali kwalifika, tant li intalab jersaq għal intervista u fil-fatt ntgħażel għal din il-kariga. Ħareġ ukoll li, fl-istess żminijiet, l-attur kien ressaq talba oħra għal sejħa li tixbahha (MPO 52/2009) minn Ministeru ieħor u li wkoll kienet titlob l-istess kwalifiki u fejn il-Bord tal-Għażla f'dak il-każ ukoll qies li l-attur kien eliġibbli u seħħlu jkun minn ta' quddiem fost dawk li applikaw;

Illi l-problema, madankollu, kien li l-grad sostantiv li l-attur kellu ma kienx dak ta' uffiċjal tas-sigurtà mas-Servizz Pubbliku ta' Malta, iżda dak

[50] Ara App. Ċiv. 20.5.1982 fil-kawża fl-ismijiet Fenech Adami et vs Cremona pro et noe (mhix pubblikata)
[51] Dok. "I" f'paġ. 16 tal-proċess

ta' "*senior tradesman*"[52]. Meta dan il-fatt inġieb għall-attenzjoni tal-Kummissjoni, qieset li l-attur ma kellux il-grad sostantiv mitlub minnu meta wieġeb għas-sejħa, u li għalhekk l-għażla tiegħu ma saretx skond il-prinċipji tal-mertu, u għaldaqstant il-ħatra tiegħu kellha tiġi rtirata;

Illi dan ifisser li meta l-Kummissjoni għażlet li titlob ir-revoka tal-ħatra, ma marritx lil hinn minn dak li l-liġi tagħtiha l-jedd li tagħmel. Lanqas tidher li hija deċiżjoni mhux raġonevoli, għalkemm hija kwestjoni ta' teknikalità, billi ntwera li l-attur kien, fil-fatt, għal bosta snin iwettaq xogħol bħala uffiċjal tas-sigurtà fix-xogħol mal-Korporazzjoni dwar is-Servizzi tal-Ilma meta ressaq l-applikazzjoni u kif ukoll kiseb kwalifiki ta' studju u ta' esperjenza tul iż-żmien li kien iwettaq dak ix-xogħol[53]. Mhux mingħajr raġuni, l-attur iqanqal l-argument li ma jagħmilx sens li l-esperjenza u l-kwalifiki li kellu fix-xogħol tiegħu mal-Korporazzjoni u x-xhieda ta' dan fil-Formola GP47[54] ma kinux biżżejjed biex huwa jkun eliġibbli għas-sejħa. Iżid jgħid li lanqas ma kienu jikkonsistu fi ksur ta' waħda mill-kundizzjonijiet ewlenin tas-sejħa, u liema dokumenti u kwalifiki seħħilhom jgħaddu mill-għarbiel ta' żewġ bordijiet ta' għażla f'żewġ sejħat separati għall-mili ta' karigi;

Illi l-Qorti, madankollu, fliet sewwa l-provi li tressqu u ssib li s-sejħa kienet titlob kwalifika partikolari li għandha tifsira partikolari fil-qafas tas-servizz pubbliku. Ħareġ ukoll li, fil-waqt li l-attur ressaq l-applikazzjoni tiegħu għas-sejħa(t) imsemmija, huwa ma kienx iħaddan il-grad sostantiv mitlub. Għalhekk, li kieku l-bord tal-għażla wettaq xogħlu sewwa, kien jintebaħ b'dan in-nuqqas qabel ma għadda lill-attur mill-għarbiel tal-intervista u ta' ħatra f'xogħol li webblu li kien se jaqbad ħajja ġdida ta' servizz li matulha (fil-ftit xhur li tħalla jwettaqha) wera ħeġġa, inizzjattiva u għaqal f'dak li ntalab jagħmel u li kien mistenni minnu. Għaldaqstant ma ssib ebda nuqqas fil-Kummissjoni f'dan ir-rigward, l-anqas fl-imħarrkin l-oħra li bħala uffiċjali kellhom l-obbligu li jressqu tali nuqqas għall-attenzjoni tagħha;

Illi jmiss li jiġi mistħarreġ jekk kienx hemm mottiv ulterjuri li wassal lill-PAHRO jindaga dwar il-ħatra tal-attur. L-atturi jgħidu li dan sar biex jiġi aġevolat Schembri biex jieħu post l-attur. Fuq kollox, jorbtu l-laqam ta' Schembri ma' konnotazzjonijiet politiċi biex juru li r-raġuni vera għat-tħassir tal-kuntratt ma kinitx in-nuqqas ta' kwalifika, imma biex l-attur jagħmel il-wisa' għal Schembri. L-imħarrkin jiċħdu li kien hemm xi ħsieb bħal dan u l-fatt hu li, meta Schembri daħal jaħdem fil-Ministeru bħala wieħed mill-uffiċjali tas-sigurtà, kien għad hemm l-attur jaħdem hemm u s-Segretarju Permanenti mħarrka xehdet li kien hemm bżonn tal-"*complement*" kollu ta' uffiċjali li kien

[52] Dok. "AG1" f'paġġ. 164 sa 166 tal-proċess
[53] Dokti "J" sa "L", f'paġġ. 17 – 9 tal-proċess
[54] Dok "I", f'paġ. 16 tal-proċess

hemm fil-Ministeru u ħadd ma kien żejjed. Kemm hu hekk, xehdet li meta tħassar il-kuntratt tal-ingaġġ tal-attur, inħolqot problema fil-Ministeru dwar l-għadd ta' uffiċjali tas-sigurtà[55];

Illi l-Qorti fliet sewwa wkoll il-provi li tressqu u ssib li din ix-xilja tal-atturi ma ġietx murija u ippruvata fil-grad meħtieġ. Għall-kuntrarju, tara li d-dħul fix-xena ta' Schembri u l-proċess ta' reviżjoni tal-applikazzjoni tal-attur imxew għal rashom, għalkemm kienu ċirkostanzi li seħħew fl-istess żminijiet. Mid-dokumenti mressqa (i) jirriżultalha li Schembri kien ġie ferm aktar minn quddiem fl-għażla mill-attur[56]; (ii) skond ir-regolamenti tas-servizz pubbliku[57], Schembri ma kien qed jitlob xejn li ma kellux jedd għalih; (iii) post l-attur kellu jimtela minn Xerri li wkoll ma kienx eliġibbli billi kellu l-istess problema ta' eliġibilità bħall-attur[58];

Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-atturi seħħilhom juru li d-deċiżjoni li minnha jilmintaw kienet ittieħdet għal għanijiet mhux xierqa jew imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti;

Illi jifdal li l-Qorti tistħarreġ jekk bl-aġir tal-imħarrkin, l-attur ġiex imċaħħad minn smigħ xieraq. Mill-provi jirriżulta li l-attur sar jaf bil-possibilità li l-impjieg tiegħu kien mhedded ferm qabel ma rċieva l-ittra mingħand is-Segretarju Permanenti mħarrek biex tgħarrfu li l-ħatra tiegħu kienet tħassret. Dan jidher li ħoloq fih stat ta' tħassib w ansjetà tali li wasslitu jagħmel kuntatt mal-avukat tal-fiduċja tiegħu li f'ismu kiteb direttament lis-Segretarju Permanenti ħalli tgħidlu x'inhu għaddej;

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li l-attur baqa' ma ngħatax tweġiba għal dak li talab u tħalla fi stat ta' qtigħ il-qalb, minkejja kull inizjattiva interna li s-Segretarju Permanenti jidher li ħadet biex tara jekk l-ilment tiegħu kienx ġustifikat, huwa nuqqas li s-Segretarju Permanenti mħarrek għandha twieġeb għalih. Fil-fehma tal-Qorti, s-Segretarju Permanenti mħarrka mxiet b'mod mhux raġonevoli mal-attur u għaldaqstant f'dan ir-rigward. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, dik ir-raġuni waħedha mhijiex biżżejjed biex twassal għat-tħassir tad-deċiżjoni attakkata. Dan jingħad għaliex ir-raġunijiet li fuqhom ittieħdet id-deċiżjoni biex jitħassar l-ingaġġ tal-attur ma kinux imsejsa fuq in-nuqqas ta' tweġiba li l-attur ingħata jew ma ngħatax mill-imħarrka Segretarju Permanenti, iżda minn fatturi oħrajn oġġettivi li ssemmew qabel;

[55] Xhieda tagħha f'paġġ. 89 – 90 tal-proċess
[56] Dok. "RSC2" f'paġ. 176 tal-proċess
[57] *Public Service Management Code*, Sezzjoni 1.1.9.8
[58] Dok. "RSC5" f'paġ. 179 tal-proċess

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-**ewwel talba** attriċi hija mistħoqqa f'dik il-parti tagħha li l-imħarrek Segretarju Permanenti ma mxietx sewwa mal-attur, imma tiċħadha fil-bqija;

Illi dan ifisser li t-**tieni talba** attriċi ma jistħoqqilhiex tintlaqa' lanqas billi ma jeżistux ir-raġunijiet li jwasslu biex id-deċiżjoni li l-ingaġġ tal-attur titħassar u terġa' tkun kunsidrata mill-ġdid;

Illi dwar it-**tielet talba** attriċi l-Qorti tqis li, ukoll kieku kellha tintlaqa' t-tieni talba, din il-Qorti ma tistax tordna lill-awtorità x'tagħmel jew li twettaq hi dak li jmissha tagħmel tali awtorità. Tirreferi għall-kunsiderazzjonijiet li saru aktar qabel u ma hemmx għalfejn ittennihom;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-Avukat tal-Istat u ssib li mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u għalhekk qiegħda teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju bi spejjeż għall-atturi li ħarrkuh għalxejn;

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kummissjoni mħarrka** u **t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin l-oħra**, u tqis li hija għandha s-setgħa li tistħarreġ l-imġiba tal-Kummissjoni mħarrka dwar l-ilmenti mressqa mill-atturi;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi biss fil-konfront tal-imħarrek Segretarju Permanenti** u ssib li l-imġiba tagħha meta naqset li twieġeb għall-ilment tal-attur naqset li tħares il-prinċipju ta' ġustizzja naturali għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda ma tqisx li d-deċiżjoni meħuda dwar it-temm tal-ingaġġ tal-attur mill-istess Segretarju Permanenti jew mill-imħarrkin l-oħrajn saru bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(iii) u (iv) tal-istess Kodiċi;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad it-tielet talba attriċi** billi talba bħal dik tmur lil hinn mis-setgħat li din il-Qorti tista' twettaq f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju;

**Tastjeni milli tqis ir-raba' talba attriċi** billi fiċ-ċirkostanzi ma hemmx ordinijiet x'tagħti dwar l-ingaġġ li l-attur kellu sa ma tħassar; u

**Tordna** li l-**ispejjeż** jitħallsu żewġ terżi mill-atturi u terz mis-Segretarju Permanenti mħarrek.

**Moqrija**

**Onor Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**20 ta' Lulju, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**20 ta' Lulju, 2020**